

Brussell, 5 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10878/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0274 (NLE)

WTO 183
AGRI 341
UD 157
COASI 181

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 517 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'rabta mal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492 tad-WTO, Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 517 final.

Mehmuż: COM(2018) 517 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2018
COM(2018) 517 final

2018/0274 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'rabta mal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492 tad-WTO, Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Wara r-rapport tal-bord tad-WTO adottat fid-19 ta' April 2017 fil-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492 tad-WTO, *Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam* imressqa mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kontra l-Unjoni Ewropea, l-UE kienet meħtieġa tikkonforma mas-sejbiet. B'mod partikolari, il-bord sab li fl-allokazzjoni tal-kwantitajiet fi ħdan il-kwoti tariffarji lill-pajjiżi fornituri skont ir-regoli tad-WTO, l-UE kellha tikkunsidra bħala "fattur speċjali" il-kapaċità akbar li ċ-Ċina tesporta prodotti tal-pollam lejn l-UE wara l-illaxkar tal-miżuri sanitarji f'Lulju 2008. Il-perjodu ta' żmien raġonevoli għall-implimentazzjoni tar-Rapport tal-Bord skont ir-regoli tad-WTO beda fid-19 ta' April 2017.

Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati dwar soluzzjoni bi qbil reċiproku ("MAS" - mutually agreed solution) maċ-Ċina. Il-Kunsill (il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali) ġie kkonsultat regolarment dwar il-kontenut u l-progress tan-negozjati. In-negozjati maċ-Ċina rriżultaw f'abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li ġie inizjalat fit-18 ta' Ġunju 2018 f'Geneva ("il-Ftehim"). Il-Ftehim jenħtieġ li jirrispetta d-drittijiet ta' fornituri oħra, li dwarhom intlaħaq qbil fil-kuntest tan-negozjati tal-passat skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT. Jeħtieġ ukoll li l-Kummissjoni taħseb f'ġestjoni tal-kwoti tariffarji trasparenti u xierqa.

It-Tajlandja indikat li taqbel mal-allokazzjonijiet ta' TRQs liċ-Ċina kif stabbilit fil-Ftehim u nistennew li nirċievu konferma bil-miktub fi żmien qasir (u fi kwalunkwe każ qabel l-iffirmar ta' dan il-Ftehim)

B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi lill-Kunsill li jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu fi stadju aktar tard.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Mhux applikabbli – il-miżura hija meħuda biex jiġi implimentat ir-Rapport tal-Bord tad-WTO, obbligu tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli – il-miżura hija meħuda biex jiġi implimentat ir-Rapport tal-Bord tad-WTO, obbligu tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-Artikolu 218(5) TFUE dwar l-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, l-Artikolu 3(1)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-miżura hija meħuda jiex jiġi implimentat ir-Rapport tal-Bord tad-WTO, obbligu tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 218(5)(a) TFUE, tenħtieġ Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli – il-miżura hija meħuda biex jiġi implimentat ir-Rapport tal-Bord tad-WTO, obbligu tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Pubblikazzjoni tal-pjan direzzjonali, konsultazzjoni regolari mal-industrija, mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri. Fil-feedback tagħha, li wasal f'Jannar 2018 wara l-pubblikazzjoni tal-pjan direzzjonali, European Poultry, Egg and Game Association (EPEGA) iddikjarat biċ-ċar l-appoġġ tagħha għall-ftuħ ta' dawn il-kwoti addizzjonali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli – il-miżura hija meħuda biex jiġi implimentat ir-Rapport tal-Bord tad-WTO, obbligu tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli – il-miżura hija meħuda biex jiġi implimentat ir-Rapport tal-Bord tad-WTO, obbligu tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli – il-miżura hija meħuda biex jiġi implimentat ir-Rapport tal-Bord tad-WTO, obbligu tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja.

5. **ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill li l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri maċ-Ċina jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni. B'mod parallel, qed tiġi ppreżentata wkoll lill-Kunsill proposta separata dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' soluzzjoni bi qbil reċiproku.

Ir-riżultati tal-Ftehim huma kif ġej:

L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ dawn il-Kwoti Tariffarji (TRQ):

- TRQ ta' 6 060 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3929 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 6 000 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota
- TRQ ta' 660 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3985 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 600 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota
- TRQ *erga omnes* ta' 5 000 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3219, b'rata ta' dazju ta' 8 % fi ħdan il-kwota

Il-Kummissjoni se tadotta Regolamenti ta' Implimentazzjoni biex tespandi u tamministra l-kwoti rilevanti, skont l-Artikolu 187(a) tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Unika (OKS) (ir-Regolament (KE) Nru 1308/2013).

Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni qed jitħejjew b'mod parallel ma' din il-proposta.

Ladarba jinfetħu l-kwoti, l-UE u ċ-Ċina se jinnotifikaw il-ftehim biex il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO bħala soluzzjoni bi qbil reċiproku fir-rigward tat-tilwima DS492.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'rabta mal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492 tad-WTO, Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati dwar soluzzjoni bi qbil reċiproku maċ-Ċina fil-kuntest tal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492, *Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam*.
- (2) Dawn in-negozjati ġew konklużi u fit-18 ta' Ġunju 2018 ġie inizzjalat Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim¹.

It-test tal-Ftehim li jrid jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

¹ It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Anness DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		FinancSt/18/ 2693978 CMaj	
		6.146.2018.1 agri.ddg1.a.2(2018)26 26366	
		DATA: 07/05/2018	
1. INTESATURA TAL-BAĠIT: Kapitolu 12 – Dazji doganali u dazji oħrajn		APPROPRJAZZJONI IET: EUR 22 844 miljun	
2. TITOLU: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'rabta mal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492 tad-WTO, Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam			
3. BAŻI ĠURIDIKA: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(5)			
4. GĦANIJET: li jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-ftuħ tal-kwoti tariffarji fuq ċerti prodotti tal-laħam tal-pollam b'allokazzjoni speċifika ta' kwantitajiet liċ-Ċina u kwantitajiet għall-oħrajn kollha, wara l-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO DS492			
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	IL-PERJODU FINANZJARJ U ATTWALI 2018 (EUR miljun)	SENA FINANZJARJA 2019 (EUR miljun) IS-SNIN FINANZJARJI TA' WARA 2020 u wara (EUR miljun)
5.0	NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (GĦAR-RIFUŻJONIJIET/GĦALL-INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	MHUX APPLIKABBLI	-
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRI TAL-UE (MILL-IMPOSTI/MID-DAZZI DOGANALI) - NAZZJONALI	MHUX APPLIKABBLI	-
5.2 METODU TAL-KALKOLU:			
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?		IVA LE
6.3	SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?		IVA LE
OSSERVAZZJONIJIET: L-impatt finanzjarju tal-ftuħ tal-kwoti tariffarji huwa vvalutat fid-dikjarazzjoni finanzjarja annessa mal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.			